MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2010

Citazzjoni Numru. 217/2005

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-4 ta’ Lulju 2005 li permezz tagħha l-attriċi esponiet bir-rispett:

Illi l-kontendenti żżewġu f’Malta fil-wieħed u għoxrin (21) ta’ Novembru tas-sena elf, disa’ mija u tnejn u disgħin (1992) u miż-żwieġ tagħhom kellhom tlett itfal ċjoe’ C, D u E (Dok A)

U illi l-kunsens tal-kontendenti kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha;

U illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

U illi wkoll li l-kunsens tal-kontendenti nkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew iktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

U dana kollu kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni;

Jgħid il-konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li ż-żwieġ iċċelebrat bejn il-kontendenti fil-21 ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tnejn u disgħin (1992) (Dok A) huwa null u bla effett a tenur tal-artikolu dsatax (1) (d) u (f) tal-Liġi dwar iż-żwieġ (Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta) u għalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-att taż-Żwieġ relattiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut inġunt minn issa stess għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ippreżentata fit-18 ta' Novembru 2005, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi mhux minnu li ż-żwieġ bejn il-kontendenti huwa null u bla effett.

Rat l-atti proċesswali;

Rat l-affidavits;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-assistent ġudizzjarju l-Avukat Dottor Elena Naudi Depasquale nominata biex tiġbor il-provi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ġunju 2010 illi permezz tiegħu il-kawza thalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed titlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fil-21 ta' Novembru 1992 bażi tal-artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenut qed jopponi għal din it-talba u kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin: *"F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju."* (**"Anna Tonna vs Alexander Tonna"** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

Illi l-artikoli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja psikoloġika li tagħmilha impossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Illi kif qalet il-Qorti tal-Appell fil-kawża **"Joseph Zammit vs Bernardette Zammit"** (27 ta' Jannar, 2006):

*"Irid mill-ewwel jiġi senjalat prinċipju fundamentali fil-liġi ċivili u ċjoe' li ż-żwieġ bejn il-kontendenti għandu jkun preżunt li jkun wieħed validu. Għalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawża li tagħmel prova sodisfaċenti ta' l-allegazzjonijet rispettivi tagħha dwar l-allegazzjoni u ċjoe' li ż-żwieg huwa null għaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*

*Illi s-sub-inċiż (d) fuq imsemmi jsemmi wkoll li ż-żwieġ ikun null jekk ikun affettwat b'anomalija psikoloġika serja u tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ. Ta' min jenfasiżża hawn li l-liġi tagħna tirrikjedi li l-anomalija psikoloġika tkun tali li tagħmilha impossibbli u mhux sempliċement diffiċli li wieħed jaqdi l-obbligazzjonijet essenzjali taz-żwieġ jew inkella li jassumi l-istess obbligazzjonijiet essenzjali taz-żwieġ.*

*Illi rigward id-dispożizzjoni kontenuta fis-sub-inċiż (f) fuq imsemmi biex dan id-difett ikun jirriżulta jkun jeħtieġ li jiġi ppruvat sodisfaċentement li ż-żewġ partijiet jew waħda minnhom fil-mument ta' l-għoti tal-kunsens matrimonjali tkun eskludiet iż-żwieġ innifsu jew eskludiet element essenzjali tal-ħajja miżżewġa jew id-dritt għall-att taż-żwieġ u din l-esklużjoni tkun saret b'att pożittiv tal-volonta' ta' dik il-parti. Huwa evidenti li din id-dispożizzjoni tirravviża sitwazzjoni ta' simulazzjoni u għandu jiġi enfasiżżat li nullita' ta' żwieġ bażata fuq il-kawżali ta' simulazzjoni proprjament tkun teskludi kawżali bażata fuq nullita' ta' żwieġ minħabba nuqqas ta' esklużjoni ta' ġudizzju. L-inkompatibbilta' bejn dawn iż-żewġ kawżali toħroġ mill-fatt li n-nuqqas ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju timplika inkapaċita' li wieħed jagħraf, jifhem u jirrifletti filwaqt li l-kawżali tas-simulazzjoni teħtieġ li jkun hemm tali kapaċita' intelletwali, proprju l-att pożittiv tal-volonta' li jwassal għas-simulazzjoni, totali jew parzjali."*

Illi fil-kawża **"Nicholas Agius vs Rita Agius"** (25 ta' Mejju, 1995) intqal illi: *"B'difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju l-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita'; li parti jew l-oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta ftit jew a dirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kunċett ġuridiku intrinsikament marbut mal-kapaċita' ta' parti jew oħra fiż-żwieġ li tagħti l-kunsens liberu u xjenti tagħha għar-rabta taż-żwieġ."* F'dan is-sens ġew deċiżi wkoll il-kawżi **"Angela Spiteri vs Joseph Spiteri"** (4 ta' Novembru, 1994), **"Robert Attard vs Josephine Attard"** (18 ta' Ottubru, 1995) u **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (14 ta' Awissu, 1995).

Illi fil-kawża fl-ismijiet **"Mario Mizzi vs Maris Mizzi"** (15 ta' Novembru, 2005) il-Qorti ta' l-Appell ukoll qalet li: *"Biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju jrid ikun hemm l-inkapaċita' psikika jew kostituzzjonali (mhux neċessarjament anomalija psikoloġika fis-sens mediku) li wieħed jagħraf u jirrifletti jew li jiddeċiedi liberament (jiġifieri mingħajr impulsi nterni li jkunu neħħew il-liberta' ta' l-għażla tal-persuna li tkun) fuq l-oġġett tal-kunsens matrimonjali."*

Illi l-attriċi ma kellhiex passat fortunat. Trabbiet f'istitut minn meta kienet tarbija. Bdiet tiffrekwenta lill-konvenut meta kellha ħmistax-il sena u setgħet tkellmu biss ftit siegħat fi tmiem il-ġimgħa. Wara ftit qalilha li sejjer jaħdem barra iżda s-soru li kien hemm l-istitut uritha gazzetta minn fejn irriżulta li kien weħel il-ħabs. Sadattant bdiet taħdem f'fabbrika u l-konvenut beda jibagħtilha l-messaġġi permezz ta' persuna ohra li kienet taħdem magħha. Reġgħu bdew jitkellmu wara ftit xhur ħarġet tqila. Iżżewġu meta kellha seba' xhur tqala għax ommha qaltilha biex ma tibqax tgħix fid-dnub. Marru joqogħdu f'dar li l-konvenut kien żgassa u kellhom tarbija oħra. Sid id-dar meta marret tkeċċihom tħassrithom. Ħallithom hemm iżda wara xi żmien sabu post ieħor u telqu; fil-frattemp kellhom it-tielet wild. Bdew imorru jfittxuh ħafna nies għax jittantalhom lil uliedhom u u kien vjolenti magħha. Kienet marret tgħix Merħba Bik għal xi żmien; il-konvenut kien jinġabar ħafna

drabi mill-Pulizija u saret taf li kellu problema ta' dipendenza bid-droga. Kellu diversi sentenzi fejn ġie misjub ħati mill-Qrati u weħel il-ħabs. Fil-fatt għadu sal-lum dieħel u ħiereg il-ħabs; fil-frattemp ingħatalha post deċenti mill-Awtorita' tad-djar. Il-Kappillan ta' Bormla kkonferma li l-konvenut kellu diversi problemi ta' teħid ta' droga. Ġiet esebita l-fedina penali tal-konvenut li jindika lista twila ta' ħtija u kundanni.

Illi l-konvenut ċaħad ħafna minn dan għalkemm ammetta li beda jittaqqab matul iż-żwieġ. Jgħid li kienet l-attriċi li żgassat il-post imsemmi u li kienu tkeċċew għaliex kien miet ħuh bid-droga hemmhekk. Jgħid li l-attriċi trid tannulla ż-żwieġ għaliex tgħix ma' raġel ieħor u għandha wild minnu. Kontro-eżaminat qal li beda jieħu l-eroina fl-1994 iżda kien ilu jittaqqab jew ipejjep il-ħaxixa minn meta kellu 13-il sena. Mary Grace Vella, *probation officer* qalet li l-konvenut għamel progress sostanzjali fir-rigward tad-droga u fil-ħabs ġab ruħu tajjeb. Qalet li l-konvenut kellu trobbija diffiċli u fil-fatt anke familjari tiegħu kellhom problemi. Segwiet lill-konvenut sa mis-sena 2000 sal-2005.

Illi mill-eżami tal-fedina penali tal-konvenut jista' jagħti indikazzjoni tal-karattru tal-konvenut – naturalment x'ġara wara ż-żwieġ huwa immaterjali ħlief biex jitfa' dawl fuq dak li kien qabel. Sa minn meta kellu ħdax-il sena ġia' kellu problemi mal-ġustizzja, purke f'affarijet żgħar fil-bidu. Iżda fl-1981 (kellu ċirka sittax-il sena) kellu każ ta' serqa ta' ammont żgħir ta' flus minn ħanut. Fl-1982 l-affarijiet bdew jiggravaw u kkommetta serqa minn karozza flimkien ma' żewġ ġuvintur oħra (sentenza tal-1984). Kellu xi sentenzi dwar serqiet oħra, l-aktar waħda serja fl-1990 fejn instab ħati ta' diversi kapi ta' akkuża u ntbagħat sentejn u nofs ħabs, u fl-1990 kellu l-ewwel akkuża fuq droga – pussess ta' cannabis. Fl-1991 instab ħati ta' diversi serqiet li saru fl-1988 u weħel erba' snin ħabs. Il-katina ta' reati reġgħet bdiet bil-qawwa fl-1995 meta għal darb' oħra weħel tlett snin ħabs fuq serq u kompliet sejra sal-2004. Għandu jingħad li l-biċċa l-kbira tas-sentenzi huma dwar serq ripetut.

Illi l-attriċi, kontrarjament għal dak li ppremettiet fiċ-ċitazzjoni kienet taf li l-attur mar il-ħabs qabel ma żżewġu. Għalhekk din ma tistax tkun aċċettata bħala kawżali għall-annullament billi ma kienx fatt moħbi għaliha. Madankollu jirriżulta ċar li l-konvenut kien ilu jabbuża mid-droga sa meta kien żgħir u l-Qorti konvinta li l-attriċi ma kinitx taf b'dan ħlief wara ż-żwieġ. L-awtur Viladrich jgħid illi *"The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other through a juridical bond in a unique community of life and love. The community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (**Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated** – 1993). Il-Qorti jidhrilha li fil-każ in eżami, il-kunsens tal-konvenut kien nieqes minn din id-diskrezzjoni u jekk kellha tort l-attriċi kien li ma ndunatx b'dan; madankollu wieħed ma tantx jista' jibbjasimaha għaliex trabbiet ġo stitut u għalhekk ta' tmintax-il sena (kellha sena aktar meta żżewġet ġia' tqila) ma kellhiex żgur preparazzjoni deċenti biex ikollha hi wkoll kunsens format tajjeb għad-deċiżjoni importanti li kienet se tieħu.

**Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ iċċelebrat bejn il-partijiet fil-21 ta' Novembru 1992.**

**Spejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------